



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.6.2014  
COM(2014) 427 final

Rakkomandazzjoni għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Finlandja għall-2014**

**u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà tal-Finlandja għall-2014**

{SWD(2014) 427 final}

Rakkomandazzjoni għal

## **RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

### **dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Finlandja għall-2014**

#### **u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà tal-Finlandja għall-2014**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea<sup>3</sup>,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew<sup>4</sup>,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi mnedija strateġija ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki tal-ekonomija, li tiffoka fuq il-punti ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni sabiex jissaħħa il-potenzjal tal-Ewropa għal tkabbir sostenibbli u kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi għall-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri, li flimkien jiffurmaw

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

<sup>3</sup> COM(2014) 427 finali.

<sup>4</sup> P7\_TA(2014)0128 u P7\_TA(2014)0129.

il-"linji gwida integrati". L-Istati Membri kienu mistiedna sabiex jikkunsidraw il-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u tal-impjegi tagħhom.

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddeċidew dwar Patt għal Tkabbir u Impjegi, li jipprovdni qafas koerenti għal azzjoni f'livell nazzjonali, dak tal-UE kif ukoll taż-Żona tal-Euro permezz tal-użu tal-għodod, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari li tesprimi impenn b'mod sħiħ sabiex jinkisbu l-objettivi tal-Ewropa 2020 u jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (4) Fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Finlandja għall-2013 u wassal l-opinjoni tiegħu dwar il-programm ta' stabbiltà tal-Finlandja aġġornat għall-perjodu 2012-2016. Fil-15 ta' Novembru 2013, b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 473/2013<sup>5</sup>, il-Kummissjoni ppreżentat l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju tal-Finlandja għall-2014<sup>6</sup>.
- (5) Fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir<sup>7</sup>, li jagħti bidu għas-Semestru Ewropew 2014 tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fl-istess ġurnata abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija<sup>8</sup>, li fih il-Finlandja kienet identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru għandu jitwettag eżami mill-ġdid fil-fond
- (6) Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet li jiżguraw stabbiltà finanzjarja, konsolidament fiskali u azzjoni biex jissaħħa it-tkabbir. Il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li jissokta l-konsolidament fiskali differenzjat u favur it-tkabbir, sabiex il-kundizzjonijiet ta' self għall-ekonomija jergħu lura għan-normal, jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, jiġu trattati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex l-amministrazzjoni pubblika tiġi mmodernizzata.
- (7) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tal-eżami mill-ġdid fil-fond tagħha għall-Finlandja<sup>9</sup>, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li l-Finlandja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtiġilhom monitoraġġ u azzjoni ta' politika. B'mod partikolari, il-prestazzjoni dgħajfa tagħha fl-esportazzjoni f'dawn l-aħħar snin, xprunata minn ristrutturazzjoni industrijali u minn fatturi ta' kompetittività marbutin mal-kostijiet u oħrajn li mhumiex, teħtieġ attenzjoni kontinwata.
- (8) Fis-17 ta' April 2014 il-Finlandja ppreżentat il-programm nazzjonali ta' riforma tagħha għall-2014 kif ukoll il-programm ta' stabbiltà tagħha għall-2014. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (9) L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritta fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2014 huwa r-ritorn għall-objettiv ta' terminu medju tal-2015, li l-bilanċ strutturali jinżamm 'l fuq minn din il-mira matul il-kumplement tal-orizzont tal-programm u li mill-2017 'il quddiem jinżamm bilanċ tal-baġit ġenerali tal-gvern. L-objettiv fit-terminu medju

<sup>5</sup> ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11.

<sup>6</sup> C(2013) 8012 finali

<sup>7</sup> COM(2013) 800 finali

<sup>8</sup> COM(2013) 790 finali

<sup>9</sup> SWD(2014) 89 finali

tal-Finlandja ta' defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG jirrifletti l-ħtiġijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fl-2013 il-Finlandja kisbet l-objettiv tat-terminu medju tagħha, u tippjana li ma titbiegħedx minnu matul l-2014 filwaqt li tkun konformi mal-punt ta' riferiment tal-infiq, Il-Finlandja tippjana li tkun 'il fuq mill-objettiv tagħha ta' terminu medju fl-2015, filwaqt li tkompli tkun konformi mal-punt ta' riferiment tal-infiq. Kollox ma' kollox, dan huwa ġeneralment konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fl-istess ħin, il-proporzjon tad-dejn gross jinsab fuq perkors ta' awment u mistenni li jilħaq is-60 % tal-PDG fl-2015, l-aktar minħabba prospett makroekonomiku dgħajjef. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-programm, li ma sarx b'mod indipendenti, huwa plawsibbli, għalkemm huwa fit aktar ottimist mill-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni rigward it-tkabbir ekonomiku fl-2014 u 2015. Il-Previżjoni tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni għall-2014 tippoġetta deterjorament ta' 0,3 % tal-PDG fil-bilanċ strutturali għall-2014, li jinvolvi devjazzjoni mill-objettiv ta' terminu medju, u titjib ta' 0,6 % tal-PDG fl-2015, filwaqt li huwa ppoġġtat li l-punt ta' riferiment tal-infiq ikun rispettatt kemm f'sena kif ukoll fl-oħra. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-programm u tal-previżjoni tal-Kummissjoni, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-Finlandja tista' tkun mistennija li tilħaq l-għanijiet tal-programm tagħha, li huma ġeneralment konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

- (10) Il-Finlandja hija fir-riskju ta' sostenibbiltà għolja fit-terminu twil minħabba l-impatt baġitarju tal-kost tat-tixjijih. Il-Finlandja rrikonoxxiet id-diskrepanza tas-sostenibbiltà u fl-2013 iproduċiet programm ta' politika strutturali mmirat biex jagħlaq id-diskrepanza u jniedi t-tkabbir mill-ġdid. Pass ieħor importanti huma l-limiti tal-infiq tal-gvern ċentrali u l-pjan fiskali ġenerali tal-gvern għall-2015–2018 ta' Marzu 2014 li jipprevedi miżuri ta' aġġustament, riformi strutturali u investimenti fit-tkabbir. Il-miżuri ta' aġġustament fuq in-naħa tad-dħul jikkonċernaw l-aktar żidiet fit-taxxi fuq id-dħul u l-prodotti.
- (11) L-effikaċja tas-servizzi pubbliċi ma żammitx il-pass mal-iżviluppi tal-produttività fis-settur privat. Il-Finlandja qed tħejji riformi amministrattivi fl-istrutturi municiċipali u s-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa. Ir-riforma tal-municiċipji hija bbażata fuq amalgamazzjoni volontarja tal-municiċipalitajiet, b'inċentivi finanzjarji mill-Istat. Ir-riżultat tal-amalgamazzjonijiet volontarji għadha sa issa inċerta. Is-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa se jwassluhom ħames fornituri reġjonali, u l-municiċipalitajiet se jkomplu jipparteċipaw fil-provviediment tas-servizzi. Id-dettalji għadhom mhux magħrufa, u għall-ħarifa tal-2014 hemm ippjanata proposta leġiżlattiva. Strutturi ġodda għandhom ikunu fis-seħħ fil-bidu tal-2017. L-Att ta' Lulju 2013 dwar is-sostenn tal-kapaċità funzjonali tal-anzjani b'attenzjoni aktar qawwija fuq il-prevenzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-ħajja indipendenti għandu jagħti kontribut biex tonqos il-ħtieġa għall-kura istituzzjonali u u jitrażżnu l-kostijiet tal-kura fit-terminu twil.
- (12) L-isfida ewlenija tas-suq fil-Finlandja qed tkompli tkun il-provvista ta' ħaddiema fit-terminu twil, minħabba li l-għadd ta' ħaddiema li qed joħorġu mis-suq tax-xogħol huwa issa oġġla mill-għadd ta' dawk li qed jidħlu. Biex tkun issodisfata d-domanda tax-xogħol fil-futur jeħtieġ li jitwalu l-karrieri tax-xogħol u titjieb il-provvista tal-ħaddiema. Il-programm tal-politika strutturali tal-gvern għall-2013 jinkludi miżuri biex jestendu l-karrieri tax-xogħol u jtejbu l-provvista tal-ħaddiema, kif ukoll iżidu l-inċentivi biex jiġu aċċettati l-impjiegi. Il-Finlandja qed tnaqqas l-irritrar bikri iżda xi perkorsi bħall-hekk imsejħa "mina tal-qgħad," fejn persuni aktar avvanzati fl-età li jinsabu bla xogħol jistgħu, b'ċerti kundizzjonijiet, jibqgħu jibbenefikaw mill-

benefiċċji tal-qgħad sakemm jirtiraw, għadhom hemm. Il-koeffiċjent introdott dan l-aħħar dwar l-istennija tal-għomor u ż-żieda bi tliet darbiet tar-rata ta' akkumulazzjoni tal-intitolament jidher li kellhom effett limitat fuq il-prattiki tal-irtirar. Barra minn hekk, minħabba li l-istennija tal-għomor qed titwal b'pass aktar mgħaġġel mill-previst u n-nies xorta mhux qed jaħdmu għal żmien itwal, hemm ir-riskju li l-adeqwatezza tal-pensjoni se tonqos ħafna. Il-Finlandja stabbilixxiet lilha nfisha l-mira li żżid l-età effettiva tal-irtirar għal mill-inqas 62,4 snin sal-2025. Huwa dubjuż kemm din il-mira tista' tintlaħaq mingħajr miżuri ġodda bħal tizzied l-età statutorja tal-irtirar u jissaħħu l-isforzi biex titjeb l-impjegabbiltà tal-ħaddiema kbar fl-età. Is-sħab soċjali qed jaħdmu fuq il-proposta tagħhom għal riforma fil-pensjoni biex tiġi implimentata mill-gvern il-ġdid wara l-elezzjoni ġenerali fir-rebbiegħa tal-2015 u biex tidħol fis-seħħ fil-bidu tal-2017. Il-Finlandja ħadet miżuri rilevanti u ambizzjużi biex tindirizza l-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-qgħad fit-tul. Titjib permanenti fil-ħiliet rilevanti għall-impjeg tal-gruppi fil-mira u l-prospetti tas-suq tagħhom tal-ħaddiema se jieħu ż-żmien.

- (13) Il-Finlandja ħadet miżuri biex ittejjeb il-klima ġenerali tal-kompetizzjoni u sar xi progress fl-implimentazzjoni tal-programm rigward kompetizzjoni tajba. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u tal-konsumatur ingħaqdu u l-istruttura l-ġdida tinsab fl-istadji bikrin tal-implimentazzjoni. L-Att dwar il-Kompetizzjoni issa jimponi limitu fuq pożizzjoni dominanti għas-settur tal-bejgħ bl-imnut għall-konsumatur, u l-Awtorità Finlandiża għall-Kompetizzjoni u l-Konsumatur ingħatat setgħat speċifiċi biex tintervjeni f'ċerti ċirkostanzi kontra attivitajiet ekonomiċi li jipparteċipaw fihom il-korpi pubbliċi li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq. Is-suq tal-konsumaturi fil-Finlandja huwa kkonċentrat ħafna, u hemm xi fatturi fil-leġiżlazzjoni rilevanti li jrendu l-kompetizzjoni potenzjalment ħafna inqas effiċjenti u jsaħħu l-pożizzjoni taż-żewġ mexxejja tas-suq tal-konsumaturi. Eżempji ta' dan jinkludu r-rekwiżiti għall-ippjanar urban, li huma stretti ħafna, kemm għal stabbilimenti kummerċjali kbar kif ukoll għal unitajiet żgħar. Ir-rieżami tar-regolamentazzjoni dwar l-użu tal-art u l-ippjanar li qed isir bħalissa, joffri opportunità biex tipprovdi aktar sostenn għall-kompetizzjoni "tajba". Is-settur tal-bejgħ bl-imnut għadu fost l-aktar regolat fl-Istati Membri, inklużi ostakoli għall-kompetizzjoni maħluq mir-regolamentazzjoni ta' stabbilimenti kbar għall-bejgħ bl-imnut.
- (14) L-irkupru tat-tkabbir u l-kompetittività huwa skira ewlenija għall-ekonomija Finlandiża. Il-Finlandja hija b'saħħitha ħafna fil-klassifika internazzjonali tal-kompetittività iżda madankollu bejn l-2007 u l-2012 tilfet is-sehem mis-suq tal-esportazzjoni bl-aktar pass mgħaġġel fl-UE. L-intensità tar-Riċerka u Żvilupp fin-negożju jinsab fuq perkors għan-niżla u l-mira nazzjonali għan-nefqa fir-R&Ż qegħda dejjem titbiegħed. L-effiċjenza tas-sistema Finlandiża ta' riċerka u innovazzjoni li tittraduċi l-investimenti fir-R&Ż fi prodotti u servizzi ġodda hija kwistjoni kritika. Attwalment ma hemmx investimenti suffiċjenti biex il-potenzjal tar-R&Ż jinbidel fi prodotti ġodda. Għadd limitat ta' kumpaniji kbar li jesportaw li jbiegħu firxa dejqa ta' prodotti kif ukoll il-propensità inqas ta' kumpaniji Finlandiżi żgħar li jesportaw qed ikunu ta' piż fuq il-prestazzjoni tal-kummerċ u fuq it-tkabbir potenzjali. Il-potenzjal għall-esportazzjoni jista' jingħata spinta billi jiġi pprovdut aktar sostenn speċifiku għall-internazzjonalizzazzjoni ta' kumpaniji iżgħar. Il-Finlandja varat riformi biex jindirizzaw il-kapaċità għall-ħolqien ta' prodotti innovattivi u s-sostenn tad-diversifikazzjoni tal-industrija, inkluża riforma komprensiva tal-istituti ta' riċerka u l-finanzjament tar-riċerka. Il-programm tal-2013 rigward il-politika strutturali u l-pjan fiskali u dwar il-limiti tal-infiq tal-gvern għall-2015-2018 ta' Marzu 2014 mhux biss jinkludu miżuri ta' aġġustament u riformi

strutturali, iżda jinkludu wkoll inizjattivi għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-innovazzjoni. Il-Finlandja tista' wkoll tibbenefika minn diversifikazzjoni tal-forniment tal-enerġija tagħha, partikolarment peress li tiddependi fuq sors wieħed għall-gass.

- (15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Finlandja. Hija vvalutat il-programm ta' stabbiltà u l-programm nazzjonali ta' riforma. Hija kkunsidrat mhux biss ir-relevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Finlandja iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni Ewropea billi jagħtu kontribut għal deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha fis-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (5) hawn taħt.
- (16) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-programm ta' stabbiltà tal-Finlandja, u l-opinjoni tiegħu<sup>10</sup> hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (17) Fid-dawl tar-rieżami fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-programm nazzjonali ta' riforma u l-programm ta' stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (2), (4) u (5) hawn taħt.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro in ġenerali. Abbażi ta' din l-analiżi l-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Il-Finlandja wkoll għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Finlandja tiegħu azzjoni fil-perjodu 2014-2015 biex:

1. Issaħħaħ il-miżuri baġitarji għall-2014 fid-dawl tad-diskrepanza li qed tiżviluppa rigward l-oġettiv ta' terminu medju. Fl-2015 u wara tirrispetta l-oġettiv ta' terminu medju kif ippjanat, u tiżgura li l-kriterju tad-dejn jitwettaq, filwaqt li ssegwi politika fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir. Timplimenta malajr ir-riformi stipulati fil-programm tal-politika strutturali u l-pjan fiskali u dwar il-limiti tal-infiq tal-gvern għall-2015-2018 sabiex tnaqqas id-diskrepanza fis-sostenibbiltà fiskali u ssaħħaħ il-kundizzjonijiet għat-tkabbir.
2. Tiżgura implimentazzjoni effikaċi tar-riformi amministrattivi li jinsabu għaddejjin rigward l-istruttura municipli u s-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa, sabiex iżżid il-kosteffettività fil-provvediment tas-servizzi pubbliċi.
3. Ittejjeb l-użu tal-potenzjal kollu tal-forza tax-xogħol fis-suq tax-xogħol, inkluż billi ttejjeb ir-rata tal-impjieg u l-impjegabbiltà tal-ħaddiema kbar fl-età, tnaqqas it-toroq li jwasslu għal irtirar kmieni u tallinja l-età statutorja tal-irtirar mat tibdil fl-istennija tal-għomor. Ittejjeb il-prospetti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh u ta' dawk li ilhom bla xogħol għal żmien twil, b'attenzjoni partikolari fuq l-edukazzjoni vokazzjonali u miżuri ta' attivazzjoni mmirati.
4. Tkompli bl-isforzi biex issaħħaħ il-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u tas-servizzi, speċjalment fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, billi timplimenta l-programm dwar il-promozzjoni tal-kompetizzjoni tajba, inklużi emendi fl-Att dwar l-użu tal-art u l-bini biex il-kompetizzjoni tajba tkun sostnuta aħjar.

<sup>10</sup> Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

5. Tkompli tagħti spinta lill-kapaċità tal-Finlandja biex toħloq prodotti innovattivi, servizzi u kumpaniji ta' tkabbir qawwi f'ambjent li qed jinbidel b'mod rapidu, u tkompli bid-diversifikazzjoni tal-industrija, b'mod partikolari billi żżid l-inċentivi għall-investiment fil-Finlandja u tiffaċilita aktar id-dħul tal-impriżi żgħar fis-swieq tal-esportazzjoni. Tħaffef l-iżvilupp tal-konnessjoni transfruntiera tal-gass mal-Estonja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*